# 06
## QATGĦULEK IS-SERVIZZ TAL-ENERĠIJA U L-ILMA?

Suppost irċevejt **avviż ta' qtugħ tas-servizz** mingħand il-kumpanija tiegħek. Jekk jogħġbok irreferi għalih biex tkun taf kif għandek tikkuntattja lill-kumpanija.




**Sabiex terġa' tingħata s-servizz mill-ġdid, jekk jogħġbok:**

- IKKUNTATTJA lill-kumpanija tiegħek.
- ITLOB l-għajnuna sabiex tħallas il-kontijiet tiegħek.
- STAQSI meta se jerġa' jingħatalek is-servizz mill-ġdid.

Ċempel lil **Energy and Water Ombudsman (Victoria)** fuq **1800 500 509** u aħna nkunu nistgħu ngħinuk sabiex tingħata s-servizz mill-ġdid.

# 07
## BEJGĦ TA' SERVIZZI

Ir-rappreżentanti kummerċjali jistgħu jħabbtulek il-bieb jew iċemplulek, u jistaqsuk jekk tridx taqleb minn kumpanija għal oħra.

**Jekk ma tridx tkellem lil dawn ir-rappreżentanti kummerċjali:**

- GĦID 'M'iniex interessat(a), grazzi'.
- ITLOB lir-rappreżentant kummerċjali jitlaq.




**Għandek titlob biex tara dokument ta' identifikazzjoni qabel ma tkellem lir-rappreżentant kummerċjali li ġie jħabbatlek il-bieb.**

Jekk **tiffirma kuntratt u wara tibdel fehemtek**, għandek **10 ijiem (ġranet tax-xogħol)** sabiex tikkuntattja lill-kumpanija u titlobha tħassar il-kuntratt.

Ir-rappreżentanti kummerċjali jistgħu wkoll iċemplulek. Jekk ma tridhomx jikkuntattjawk, jekk jogħġbok ċempel lil **Do Not Call Register** fuq **1300 792 958**.

# 08
## SE TMUR TOQGĦOD f'DAR ĠDIDA?




Meta tkun se ġġorr għal dar ġdida, għandek bżonn iċċempel lill-kumpaniji sabiex titlobhom jibagħtulek l-aħħar kontijiet. Agħtihom l-indirizz il-ġdid tiegħek.

## IKKUNTATTJA LIL EWOV

Ftakar: qabel ma tikkuntattjana għandek bżonn issolvi l-kwistjoni mal-kumpanija tiegħek tal-elettriku, gass jew ilma. Jekk m'intix ċert(a) ma' liema kumpanija int, iċċekkja fuq il-kont tiegħek.

Ċemplilna: **1800 500 509 (Telefonata b'Xejn)**
bejn it-08.30 am u l-5.00 pm, mit-Tnejn sal-Ġimgħa.

**Żurna online:** www.ewov.com.au
**Ibagħtilna email:** ewovinfo@ewov.com.au
**Iktbilna:** Reply Paid 469 Melbourne VIC 8060
(naċċettaw ittri miktubin bil-Braille)
**Ibagħtilna Fax:** 1800 500 549 (Faks b'Xejn)

**Servizz ta' interpretar:** 131 450

**Għal persuni nieqsa mis-smigħ u mit-taħdit, ikkuntattja lil National Relay Service.**
**Żurna online:** www.relayservice.gov.au

**Tkellem u Aqra**
Jekk tista' titkellem, imma ma tistax tisma' ċempel:
133 677 jew 1800 555 677 (Telefonata b'Xejn)

**Tittajpja u Tisma'**
Jekk tista' tisma', imma ma tistax titkellem ċempel:
133 677 jew 1800 555 677 (Telefonata b'Xejn)

**Titkellem u Tisma'**
Jekk issibha bi tqila biex tifhem fuq it-telefon, ċempel:
133 677 jew 1800 555 677 (Telefonata b'Xejn)



# NGĦINUK FEJN JIDĦLU S-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA U L-ILMA

**Energy and Water Ombudsman (Victoria) (EWOV)** jgħinek issolvi ilmenti li għandek ma' kumpaniji li jipprovdu servizzi ta' **dawl**, **gass** (inkluż LPG) u **ilma**.

**Is-servizz tagħna jingħata b'xejn**, mela ċemplilna fuq **1800 500 509** (Telefonata b'Xejn) jew żur is-sit elettroniku tagħna **www.ewov.com.au**
Tista' wkoll iċċempel lit-taqsima servizz ta' interpretar fuq **131 450**.

Maltese

ENERGY AND WATER OMBUDSMAN
Victoria Listen Assist Resolve

# 01 DIEĦEL F'DAR ĠDIDA?

Id-dawl, il-gass u l-ilma mhumiex b'xejn. Għandek bżonn tiftaħ il-kontijiet tiegħek tad-dawl, gass u ilma.

**Segwi dawn il-passi:**

- ĊEMPEL lill-kumpanija tad-dawl, gass u ilma.
- GĦIDILHOM li tixtieq li joffrulek is-servizz.
- AGĦTIHOM u SPELLILHOM ismek u l-indirizz tiegħek.
- Jekk għandek "concession card", kun ċert(a) li tagħtihom L-ISTESS isem li hemm fuq il-kard tiegħek.




# 02 KIF TAGĦŻEL IL-KUMPANIJI TIEGĦEK

E G LPG

**Inti tagħżel il-kumpanija li tridha tagħtik is-servizzi tal-enerġija.** Qabbel kumpaniji differenti billi tikkuntattja lil **Victorian Energy Compare** fuq **13 61 86** jew **compare.switchon.vic.gov.au**

W

**Ma tistax tagħżel il-kumpanija għas-servizzi tal-ilma.** Sabiex tara liema kumpanija għas-servizzi tal-ilma hemm fl-inħawi tiegħek, jekk jogħġbok kellem lill-kunsill lokali tiegħek, is-settlement worker jew lill-ġirien. Jew żur is-sit elettroniku **www.water.vic.gov.au**

# 03 TIFFRANKA L-FLUS

Aktar ma tuża dawl, gass u ilma aktar tħallas. Xi apparat li nsibu fid-dar juża ħafna enerġija.

Oqgħod ATTENT(A) meta tuża l-heaters, l-arja kkundizzjunata u l-clothes dryers. Ftakar li trid tagħlaq il-viti kollha.

# 04 ĦLAS TA' KONTIJIET

Trid tħallas għad-dawl, gass u ilma li tuża. Jekk ma tħallasx il-kontijiet tiegħek, is-servizz tal-enerġija jew tal-ilma jistgħu jinqatgħu jew jillimitawhomlok.

Tista' tħallas il-kontijiet:

AUSTRALIA POST

- F'uffiċċju tal-**Australia Post**

centrelink

- F'ammonti żgħar permezz ta' pagamenti mis-**Centrelink** tiegħek.
  Kellem lil **Centrelink** biex tara kif tista' tagħmel dan billi tuża **Centrepay**.

- Bit-telefon billi tuża kard ta' debitu jew kreditu.

- Permezz ta' servizz bankarju online.

# 05 TEĦTIEĠ AKTAR ŻMIEN BIEX TĦALLAS?

Il-kumpanija tiegħek tibgħatlek tliet tipi ta' kontijiet:

- L-ewwel kont
- Avviż biex tfakkrek
- Avviż ta' qtugħ tas-servizz

Jekk għandek bżonn aktar żmien biex tħallas il-kont, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-kumpanija tiegħek. Il-kumpanija tiegħek tista' toffrilek skema ta' ħlas. Din l-iskema tgħinek tħallas ammonti żgħar regolari imma aktar spiss.

**Jista' ikollok dritt għal aktar għajnuna mill-kumpanija tiegħek bħal:**

"Concession card" li toffrilek skont fuq il-kont tiegħek.

- Għajnuna mill-Gvern bħall-Utility Relief Grant.
- Pariri finanzjarji b'xejn.
- Tagħmir li jgħinek tiffranka meta tuża l-enerġija jew iżuruk id-dar.

Jekk teħtieġ l-għajnuna, ċempel lil **Energy and Water Ombudsman (Victoria)** fuq **1800 500 509**.